TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 164/15-F

**Pierre Kemmler**

**vs**

**Bookmalta Service**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 t'Awwissu, 2015 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u sebgħa w għoxrin ewro, u tnejn u disgħin ċenteżmi (€127.92), rappreżentanti booking li seta' jagħmel cancellation tiegħu u li ntalab il-flus.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa qed jitlob rifużjoni ta' mija, u sebgħa w għoxrin ewro, u tnejn u disgħin ċenteżmi (€127.92), rappreżentanti booking li għamel li ma kienx ġie rifuż lilu minħabba li kien ikkanċella l-booking.

L-intimat issottometta illi hu kien ħallsu l-ammont kollu u li għalhekk ma kien dovut jagħtih xejn aktar.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti ssottometta li kien irċieva l-flus u li ċ-cheque kien sarfu, allura l-claim ġiet settled. Pero' baqa' l-kwistjoni tal-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont tal-ispejjeż ta' għaxar ewro u sebgħin ċenteżmi (€10.70).

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888